**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 22 ta` Mejju 2018**

**Kawza Nru. 5**
**Rikors Nru. 353/2018JZM**

**Mafimex Limited (C 7396)**

***kontra***

**Clive Scicluna (ID 0187677M) u**
**martu Rita Scicluna (ID 0546977M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-17 ta` April 2018 **bil-procediment sommarju specjali** li jaqra hekk:–

1. *Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmienja u sebghin elf, seba` mija u sebgha u ghoxrin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€78,727.21), oltre l-imghaxx legali mit-30 ta` Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanc fuq kont kurrent li l-istess konvenuti kellhom mas-socjeta` attrici b`konnessjoni ma` diversi fornituri u konsenji ta` frott u haxix mibjugha lilhom bl-ingrossa mis-socjeta` esponenti, fuq inkarigu tal-konvenut stess, u dan kif johrog mill-istatement hawn anness (Dok. "**ML1**");*

2. *Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjeta` esponenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta` l-istess socjeta` esponenti, il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta` l-imsemmi ammont;*

3. *Illi minkejja illi gew debitament interpellati sabiex ihallsu l-imsemmi ammont permezz tal-ittra ufficjali datata 30 ta` Ottubru 2017 bin-numru 4075/2017 ("Dok. "**ML2**") huma baqghu inadempjenti u ma hallsux;*

4. *Illi dawn il-fatti huma maghrufa lis-socjeta` esponenti personalment.*

5. *Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` tmienja u sebghin elf, seba` mija u sebgha u ghoxrin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€78,727.21) rapprezentanti bilanc fuq kont kurrent li l-istess konvenuti kellhom mas-socjeta` attrici b`konnessjoni ma` diversi fornituri u konsenji ta` frott u haxix mibjugha lilhom bl-ingrossa mis-socjeta` esponenti, fuq inkarigu tal-konvenut stess;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta` Ottubru 2017 bin-numru 4075/2017 (Dok. "ML2"), oltre l-imghaxxijiet legali mit-30 ta` Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti in solidum li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, l-elenku ta` dokumenti u l-lista tax-xhieda pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti, li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuti tat-talbiet attrici kif dedotti, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**1. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` tmienja u sebghin elf, seba` mija u sebgha u ghoxrin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€78,727.21) rapprezentanti bilanc fuq kont kurrent li l-istess konvenuti kellhom mas-socjeta` attrici b`konnessjoni ma` diversi forrnituri u konsenji ta` frott u haxix mibjugha lilhom bl-ingrossa mis-socjeta` attrici, fuq inkarigu tal-istess konvenuti;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta` Ottubru 2017 bin-numru 4075/2017 (Dok. "ML2"), oltre l-imghaxxijiet legali mit-30 ta` Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**